**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 22 TA' NOVEMBRU, 2001**

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1257/01 AE**

**The Catalogue Company Limited**

**vs**

**Stephania Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' erbgha mija u tmienja u erbghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm448.30) rapprezentanti fondi mizmuma mill-istess konvenuta.

Semgha lill-avukat Dr. Claudine Zarb tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra li l-konvenuta debitament notifikata naqset milli tidher fis-seduta tas-16 u tat-22 ta' Novembru 2001, kif ukoll naqset milli tressaq risposta fit-terminu stabbilit mil-ligi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' erbgha mija u tmienja u erbghin lira Maltija u tletin centezmu (Lm448.30), bl-imghax mid-data tal-prezentata ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**